Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 55**
**Tlieta 25 ta' Lulju**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi :  Kunsillier ( Dahal 6:30)
Margaret Baldacchino Cefai :  Sindku
Maurice Agius :  Kunsillier
Jean Claude Borg :  Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop :  Kunsillier
Emanuel Brincat :  Kunsillier
Alfred Farrugia :  Kunsillier
Renald Camilleri :  Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Romina Galea :  Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella :  Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

55.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tas-sinjura Romina Galea li talbet tkun skużata u tas-sur Charles Selvaggi li avża li jista' jasal tard jew ma' jlaħaqx. Il-kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

55.2.01 Il-minuti tas-seduta L8-54 ittieħdu bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati unanimament.

**55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

55.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li s-Sur Jonathan Borg, CEO ta' Transport Malta sejjaħ laqgħa mal-President u Sindki ta' kull lokal fi ħdan ir-reġjun Lvant sabiex jiddiskuti b'mod ġenerali l-problemi li jista' jkun hemm f'rigward tal-awtorità. Din saret nhar it-Tnejn 24 ta' Lulju 2023 fl-uffiċji ta' TM Malta, Ħal Lija fejn kull Sindku ġie mgħoti ċans issemmi dawk l-affarijiet li l-aktar jikkonċernaw lill lokal rispettiv tagħhom. Għal L-Imsida semmew (1) il-problemi relatati mal-permessi ta' kostruzzjoni u nuqqas ta' uffiċjali sabiex tingħalaq triq,(2) In-numru ta' tabelli li qed issiru mill- kuntratturi għal xogħol kummissjonat mill- IM jew mill- WSC li mhux dejjem qed ikunu aġġornati jew saħansitra jibqgħu hemm anke wara li jkun għada l-iskop tagħhom, (3) In-nuqqas t'infurzar f'rigward ta' vetturi b' liċenzja skaduta jew b'reġistrazzjoni barranija jew oħrajn, (4) dwar il-permessi għat-trinek fejn ġie spjegat li l-prezz ta' €2.33 li jibqa' l-istess irrelevanti mit-tul ma'jagħmilx sens meta mqabbel ma' dak mitlub għal RWP maħruġ minn TM għax lanqas biss tiġbor l-ispejjez amministrattivi aħseb u ara dawk sabiex il-kunsill imur jivverifika jekk ix-xogħol kienx konformi mal-kundizzjonijiet mitluba mill-awtorità u (5) dwar it-tunnels tal-iskate park bil-problemi li jkun hem u biex jigu nnumerati. Waqt il-laqgħa ssemma wkoll il-parkeġġ allokat lil kumpanija Go To fejn ġie spjegat li fil jiem li ġejjin se toħroġ ċirkulari sabiex jiġu mgħotija t-tabelli biss iżda mhux is-sinjali tal- art b'hekk ikun jista' jsir użu minn vetturi normali sakemm jinħareġ avviż ieħor. Issemma anke r-residential parking.

55.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-programm ta'attivitajiet li jmiss ghall Sajf fil-Pjazza fejn gharrfet lill kunsilliera prezenti li fit-28 ta'Lulju se jkun hemm Lorna & Ed filwaqt li f'Awwissu Fl 4 se jkun hemm Freddie Newland fil-11 Jomike,Lyndon u Etienne, fit-18 Tikka Banda , Fil-24 Josuel as Elvis, fil-25 Fuse, fis-26 Freddie Portelli. Se jkun hemm ukoll serata multi kulturali bil-partecipazjoni ta'bosta komunitajiet ta'residenti barranin fit-2 ta'Settembru.

**55.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

55.4.01 B'referenza għal minuti 54.4.04, is-sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm kuntatt mas-sid minħabba l-permess biex il-fanali li hemm go Triq il- Parroċċa jiġi nstallat mal-propjetà tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li filwaqt li ġie osservat li l-fanal jista' ssir ftit il' fuq minn apparat tal-AC li hemm fuq il-post sar ukoll kuntatt mal-operatur tal-attività kummerċjali li qed tikri l- post sabiex jgħaddi messaġġ lis-sidien tal-binja msemmija f'dan ir-rigward minħabba li għad ma' għandux il-kuntatt tagħhom.

55.4.02 B'referenza għal minuti 54.4.05, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-Yoga, b'xejn finanzjati għal għaxar sessjonijiet mill-Kummissjoni Għolja tal-Indja fejn spjegat li kull sessjoni kienet tiswa €65 għal għalliem. Għalhekk kif dan il-programm li ntlaqa sew se jasal fi tmiem l-għada u filwaqt li hemm aktar domanda għal aktar sessjonijiet, qed tistaqsi lill kunsill sabiex jikkunsidra li jsir programm ieħor u forsi anke jinstab finanzjament għalih.

Is-sur Maurice Agius wieġeb li jekk jinstab finanzjament għal programm dejjem se jkun aħjar għax tiġi b'xejn.

55.4.03 B'referenza għal minuti 54.4.07, Is-sur Maurice Agius tkellem dwar nuqqasijiet relatata mal-ġbir tal-iskart residenzjali, fejn spjega li s-Sibt il-kollezzjoni kienet ġa bdiet fit- 8:10 a.m u mhux kif suppost fit-8:30 a.m. Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-ġmigħ tal-boroż minn nies tal-kuntrattur, li jidher ma' għadux ikun hemm daqs qabel filwaqt li is-sur Nicholas Chircop ilmenta dwar il-boroż li qed jinħargu minn blokka appartamenti go Triq il-Kunċizzjoni maġenb il-każin tal-labour u staqsa sa fejn tasal ir-responsabiltà tal-amministratur.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma' jidhirx li hemm liġi li b'mod speċifiku tgħabbi l-amministratur b'responsabiltà ħlief dik li jkun qed jieħu ħsieb ta' dak li jkun relatat mal-komun li jiġi diskuss u approvat mill-maġġoranza tas-sidien. Biss jekk hemm min qed jikri lill terzi jista' jekk irid jobbliga għal ħlas ta' garanzija sabiex tagħmel tajjeb għal ħsara u anke għal affarijiet bħal dawn.

55.4.04 B' referenza għal minuti 54.4.08, Is-sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-bollards li ġie mitlub biex jsiru go Triq il-Wied.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata ma' kien hemm xejn mingħand l-IM.

55.4.05 B'referenza għal minuti 54.4.09, dwar il-bollards li ntalbu lura minn għand l-għaqda tad-dgħajjes, is-sur Emanuel Brincat għarraf lill kunsilliera preżenti li sal-ġurnata dawn għadhom ma ġewx bihom minkejja li kien komunikat bosta drabi mar-rappreżentant.
Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar il jridu jinbidlu f' Triq Mons D'Andria k/m Triq D'Argens u għarraf lill kunsilliera preżenti li qed jitlob stima għal- bollards teleskopic u manwali li jinżlu ġol art barra li jinqaflu sabiex ikunu kkunsidrati. Hawn spjega għala dawn jistgħu jkunu aktar konvenjenti minħabba li m'hemmx għalfejn li jinqala għax jinżlu ġol jew jitilgħu mil-art.

Is-sur Emanuel Brincat issuġġerixxa li jistgħu jintużaw ukoll dawk li hemm fil-pjazza la se jkunu xorta żarmata minħabba li se jsir il-proġett tal-Imsida Creek.

Is-sur Maurice Agius issuġġerixxa wkoll li meta tingħata ċavetta minħabba bżonn sabiex jinfethu l-bollards għandu jintalab depożitu.

55.4.06 B'referenza għal minuti 54.4.10 dwar ix-xogħol tal-IM u l-WSC go Triq Clarence, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-aħħar parti bejn Triq il Baċir u Qrejten ma kienx se tkun lesta għalhekk il-purċissjoni tal-Ħadd il-festa se tgħaddi minn Triq Bordin għal Triq Qrejten.

55.4.07 B'referenza għal minuti 54.5.02, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa apposta mal-MPWD fejn kien miftiehem li l-kuntrattur se jaħdem l-aħħar nhar l-Erbgħa 12 ta Lulju sabiex imbagħad ssir it-tindif u xi patching fejn hemm bżonn minħabba l-festa biex ix-xogħol jkompli għaddej mill- 24 ta' Lulju. Filwaqt li ma' kienx hemm bżonn li jsir xi tibdil fil lokazzjoni tal-gabbani li applikaw għal din is-sena.

55.4.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-festa fejn ma deherx li kien hemm problemi partikulari ħlief għat- trabijiet go Triq Xatt Ta 'Xbiex li xorta baqa' joħroġ minkejja il-ħasil bil-bowser għalhekk kien hemm bżonn t'aktar sforzi b' knis manwali sabiex jinġabar aħjar. Apparti minn hekk jidher li l-kumplament mexa kollox sew

Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-permessi għas-siġġijiet u l-imwejjed u spjega li minkejja kien hemm it-tabelli biex ma jsirx parkeġġ xorta kien hemm min ma' tax każ u meta tkellem mal-pulizija dawn wieġbuh li jrid ssir avviż fuq il-gazzetta tal-gvern sabiex jieħdu azzjoni għalhekk qed jissuġġerixxi biex għal darba oħra ssir l-avviż.

Is-sur Nicholas <Chircop> tkellem dwar il-gabbani li fil-fehma tiegħu mhux f'posthom go Triq Xatt Ta 'Xbiex maqtugħin il-barra minn fejn ikun iċ-ċentru tal-festa. Mibdula<<Chircop>

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li l-gabbani ilhom snin fil-istess post u l-ewwel trid tara x'alternattiva hemm fejn jistgħu joqgħodu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jieħu nota għal quddiem u spjega li go toroq kien hemm bosta tabelli għal No Waiting li poġġew il-pulizija stess għalhekk setgħet ittieħdet azzjoni. F'rigward tal-avviż fil-gazzetta tal-gvern dan irid ikun ħareġ għal tal-inqas minn ħmistax il-ġurnata qabel u sa fejn huwa infurmat dan irid ikun avviż maħruġ mill- pulizija stess sabiex huma jieħdu azzjoni. Dwar il-gabbani spjega li kif kien diskuss f'seduta preċedenti s-sidien ġew offruti alternattiva fejn il-monument iżda ħadd ma' aċċetta għalhekk wieħed irid jara x'jista' jiġri il' quddiem.

55.4.09 B'referenza għal minuti 54.4.11, Is-sur Maurice Agius tkellem dwar il- vetturi li qed jibqgħu ħierġin sparati minn go Triq Dun Andre għal Triq il-wied sabiex issir xi ħaġa hemm.

Is-sur Emanuel Brincat ppropona li ssir road hump ħalli min ikun ħiereġ bilfors rrid joħroġ bil-mod.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li ssir road hump.

55.4.10 Is-Sur Maurice Agius għamel referenza għal-minuti 54.4.12 u staqsa x'se jsir dwar ir-rampa li mhux qed tkun aċċessibbli minħabba affarijiet li qed ipoġġu bejjiegħa bil-van li mhux suppost ikun hemm .

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad fadal maħżuna żewġt bollards tal-metall oħra bħal dawk li ġa hemm fuq iz-zuntier tal-knisja. Dawn jistgħu jsiru fuq il bankina linja mal-oħrajn fit- truf tar-rampa li quddiema fil-wiesgħa tagħha tista' ssir *keep clear* u tinħadem ukoll estinzjoni żgħira tal kurduna li toħroġ sa-sinjal isfar li hemm fil-post. Fl- istess ħin għarraf lill kunsilliera preżenti li minkejja li l-bollards taz-zuntier ilhom żmien ġol- post fil-mument qed tasal korrispondenza minn persuna sabiex tilmenta li bihom mal-parkeġġ ma' tistax tiftaħ sew il-bieba tal-karozza għalhekk qed tistaqsi dwar id-deċiżjoni li jsiru, l-iskop tagħhom u dwar il-permessi minn TM.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li ssir ix-xogħol propost fuq ir-rampa. Tkellmu ukoll dwar l-ilment li ma' tistax tiftaħ bieba tal-karozza li tkun fil parkeġġ biswit waħda minnhom li se tkun verifikata.

55.4.11 B'referenza għal-minuti 54.4.13, is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-pulizija fil-komunità go L-Imsida.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li kien hemm indikazzjoni li għal l-aħħar ta' Awissu.

55.4.12 B'referenza għal minuti 54.4.14, Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk saritx komunikazzjoni ma' IM f'rigward ta 'żvilupp dwar meta se jibda ix-xogħol fil-parti magħluqa ta' Triq Achille Ferris.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kiteb mhux biss lill IM iżda wkoll lill mal-partijiet kolla involuti iżda ħadd ma komunika lura imqar b'aknowledgement.

55.4.13 B'referenza għal minuti 54.4.17, Is-sur Maurice Agius staqsa dwar it-tabelli relatati L.S.363.222.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li waslu 10 tabelli li issa l-kunsill irid jara eżatt liema huma l-aktar zoni li fihom qed ikun hemm abbużi relatata sabiex jeħlu.

55.4.14 B'referenza għal minuti 54.5.04, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret l-ordni ta'14 il-bin li minnhom ġa waslu 6 ili kienu ġa għand l-aġent filwaqt li l-kumplament għandhom jaslu fil-ġimghat li ġejjin.

55.4.15 B'referenza għal minuti 54.5.06 għal Onorifiċenza Ġieh L-Imsida , u minħabba li s-seduta tal-kunsill kienet skedata aktar tard fix- xahar, Is-Segretarju Eżekuttiv b' notifika għarraf lill kunsilliera li l-membri tal-bord evalwa l-proposti għan-nomini rispettivi ta' l-Għaqda Ġostra Msida, Mons. Alfred Camilleri, is-Sur Alfred Falzon u s-sinjura Doris Pace skond l-informazzjoni mgħoddija fuq il-formola. L- ewwel rakkomandazzjoni saret skond l-għażla tal-membri tal- Bord kif muri - Dr. Carmelo Grima (għal-Mons. Alfred Camilleri) u s-sinjura Marita Portelli u s-sur Matthew Dimech (għal-Għaqda Ġostra Msida ) sabiex tingħata l-premju Ġieh L-Imsida għas-sena 2023 .

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-programm attivitajiet lisaru matul il-Ġimgħa Msida li ntlaqa sew u kien hemm konkorrenza tajba ħafna.

55.4.16 B'referenza għal minuti 54.5.07 dwar id-dgħajsa li kien hemm fuq il-promenade, is-sur Maurice Agius staqsa jekk din kienx hemm kuntatt mas-sid.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kif spjega f'seduta preċedenti il-kunsill ma' joħroġ l-ebda permess ħlief dawk relatati mal-użu tal-iskall skond il-Bye law. F'rigward ta' dgħajsa msemmija din kienet fil fatt l- Istess waħda li l-kunsill kien infurmat dwarha fil ġurnata ta' qabel u kien hemm id-dettalji ta'sid għalhekk kien possibbli li jsir kuntatt u kellem lis-sid waħda sew kif suppost.

55.4.17 <B'referenza għal minuti 54.5.05 is-sur Renald Cammilleri tkellem dwar il-van il-ġdid li se jintuza b'l skop ta'mizura permanenti li toffri is-servizz tal-Imsida shuttle madwar il-lokal fejn offra li f'kaz ta'bzonn jekk ma jkunx hemm xufier huwa lest li jsuqu. L-stess offra is-Sur Maurice Agius>. .Mizjuda: <55.4.17>

**55.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

55.5.01 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar numru ta' tabelli li għadhom ma sarux u staqsa meta se jeħlu għax ilhom żmien li ġew mitluba fejn m'jistax ikun aktar aċċettat li l-kunsill joqgħod lura minħabba il-limitazzjonijiet fir-riżors uman assenjat disponibbli għax ma hemmx ċertu kapaċitajiet. Għalhekk jekk hemm bżonn wasal iż-żmien li jinstab x'ħadd kapaċi għax-xogħol u joqgħod superviżjoni fuqhom.<Tkellem ukoll dwar arbli ta'dawl li ma xeghlux> Mizjuda: <Tkellem ukoll dwar arbli ta'dawl li ma xeghlux>

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kif spjega fil-54.5.10 ma' jistax ikun li jmur jara kull ħaġa li dawn jagħmlu u jaqbel li jrid ikun hemm x'ħadd kapaċi fuqhom allura l-alternattiva hija li jew l-kunsill jiddeċiedi biex jitlob lid-dipartiment sabiex ikun hemm persuna mpjegata mal-kunsill li tkun kapaċi f'xogħol u li tkun responsabbli għal dawn jew li tinħareġ sejħa b'kuntratt għal dan ix-xogħol jew kif fi ftit ġimgħat oħra trid toħroġ sejħa ġdida għal contracts manager ikun studjat l-possibilità li tiġi nkluża wkoll id-delegazzjoni, tqassim u s-superviżjoni ta' dan ix-xogħol.

55.5.02

Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar rapport tal-art tiżloq go Skate Park u staqsa min suppost jieħu ħsieb.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li z-zoni tal-park jaqaw taħt Sport Malta waqt li l-manutenzjoni tas-Subway ssir mill- IM u staqsa dwar liema parti qed ssir referenza sabiex jkun jista' jindika sew fejn fir-rapport li jagħmel mal-entita konċernata.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai reġgħet irreferiet għal minuti 55.3.01 dwar il-laqgħa ma' CEO TM fejn kienet issuġġeriet biex ma' kull daħla tas-Subway ikun hemm numru sabiex jindika aħjar fejn jkun hemm xi problema. Għalhekk jaqbel li flok il-kunsill jistenna li dawn x'darba jsiru jaqbel li jieħu ħsieb li jsiru mal-ewwel għax ma hemmx x'ispiża kbira.

Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

55.5.03 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar rapport li xi kuntrattur li kien qed jaħdem ħdejn l-università ħalla materjal tal-konkos li waqa mnin go ready mix fit-triq.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-każ seħħ go triq L-Imħallef Paolo Debono u dettalji tal-kuntrattur ġew mgħoddija fir-rapport li sar mal- BCA.

55.5.04 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar korrispondenza 472 : C -2023 dwar bozza go Triq Tabib Robert Naudi.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li meta jkun hemm applikazzjoni sabiex jew jimxi jew jeħel fanal gdid ma' faċċata ta' propjetà privata l-kunsill l-ewwel jikteb għal kunsens tas-sidien.

55.5.05 is-sur Maurice Agius staqsa dwar korrispondenza 505 : C -2023 mill- Ministry For Public Works and Planning.
Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għal minuti 55.4.07 msemmija aktar qabel u spjega li din hija relatata mal-waqfien temporanju mix-xogħol go Triq ix-Xatt Ta'Xbiex minħabba l-festa.

55.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda koppja Rapport Finanzjarju Trimestri għall-perjodu Jannar sal-aħħar ta' Ġunju 2023 li tieħdu bħala moqrija.

Is-Segretarju Eżekuttiv wasal id-dettalji dwar il-kontenut tar-rapport fejn għarraf lill kunsilliera preżenti li l-perjodu finanzjarju għalaq b'bilanċ pożittiv ta' 48% tal-allokazzjoni annwali li tiġi mgħoddija mil-Gvern Ċentrali. Hawn tkellem dwar in-nefqa rikorrenti li hija relatata mas-servizzi li l-kunsill huwa obbligat li jagħmel skont l-artikolu 33 tal-Att dwar Kunsilli Lokali fejn gideb l-attenzjoni li minkejja qed jidher bilanċ pożittiv meta tibda tqabbel id-dħul (€402,559) mal-ħruġ (€516,745) ssib li hemm żbilanċ fl-infiq ta' (-€114,186) b'effett ta' (-10%) fuq is-surplus pjanat (58%) fl-estimi finazjarji għal dan il-perjodu. Hawn spjega li dan ma jirriflettix l-iskeda tal-ħlas li se tkun preżentata f'din is-seduta li se żid l-żbilanċ minħabba żidiet previsti fil-kuntratt tal-knis u l-ġbir ta 'skart inkluż it-tipping fees li minn din is-sena għollew b'(100%) u li sal-ġurnata m'hemmx indikazzjoni li se jkun hemm fondi addizzjonali fl-allokazzjoni. Hawn kompla jispjega li anke jekk il-kunsill se jkun qed jiġbor ċertu ammonti bħal eżempju mill-Wasteserv, Lesa u minn xi skemi ta' fondi oħra il-bilanċ ta 'dawn mhux se jkun biżżejjed u jista' jkun hemm problema ta' *cashflow* li jonqos mil-bilanċ ta' riservi mwarrba biex jagħmlu tajjeb għal dan meta jingħata bidu tal-proġetti ġa approvati. Għalhekk apparti l-emendi proposti fir-reviżjoni tal-baġit sabiex il-kunsill jsostni l-impenn ta' ħlas li hemm u anke jasal għal l-objettiv tiegħu mal-pjan tan-negozju jrid ukoll żomm kontroll fuq spejjez addizzjonali u jevita kull ħaġa oħra sakemm ma' jkunx hemm riżorsi finazjarji ġodda li jkunu ħarġu u ġew allokati apposta għalija.

Wara li saret diskussjoni u ġew mwieġba xi mistoqsijiet Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

55.5.07 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar is-servizz għal ġbir ta' skart goff (Weee) skedat għal kull nhar ta 'Tlieta fejn għarraf lil kunsilliera preżenti li meta l-kuntrattur qed immur biex jiġbor mhux qed ssib ħafna mill- affarijiet li jkun hemm fil-lista mgħoddija fejn mid-dehra hemm xi persuna jew persuni li b'iskop ta' negozju qed iduru t-toroq speċifikament għal dan il-materjal. Għalhekk kif is-servizz huwa skond it-talba fejn jingħata appuntament meta se jinġabar qed jipproponi li għal xi żmien bi prova l- ġurnata minn ġimgħa għal oħra għanda tinbidel sabiex tiżvija lill min qed jabbuża mis-sistema.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

**55.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

Ma' kienx hemm rapporti.

**55.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

55.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-55 ta' ħlasijiet bejn s-28 ta' Ġunju u l-25 ta' Lulju 2023.
Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l-iskeda unanimament li ġiet proposta mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-Sur Alfred Farrugia.

**55.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

55.8.01 Il-laqgħa ntemmet fis 7:05 ta' filgħaxija, u seduta li jmiss se tkun it-tlieta 29 ta' Awissu fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 29 ta' Awissu 2023.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |